# Beati u Qaddisin....Settembru

## San Nikola minn Tolentino ta’ 10 ta’ Settemb ru

Twieled fis-sena 1245 bi twegiba ghat-talb herqan ta' ommu u qabel ma twieled ommku weghidtu lil Alla biex binha jkun ta' servizz Ghalih. Il-ġenituri tieghu ghamlu pelleggrinagg sak-knisja ta' San Nikola minn Mira biex jitolbu l-intercessjoni tieghu halli jkollhom tarbija. Alla sema' t-talba taghhom u b'radd il-hajr semmew lil binhom ghal dan il-qaddis: Nikola.



Fil-kongregazzoni ta' l-eremiti ta' Santu Wistin li taghha kien jaghmel parti huwa kien jghix hajja l-aktar rigoruza fil-pentitenza. Ix-xitan kien jaghmel minn kollox biex ifixklu sahansitra kien isawtu u jhallih bla nifs fl-art, izda huwa kien ta' Alla u qatt ma ried jinfired minnu. Nisseel fih imhabba kbira lejn l-erwieh tal-Purgatorju u kien jitlob ghalihom biex jghaddilhom iz-zmiem ta' tifsija. San Nikola kien spiss jitolb karita ghan-nom tal-fqar, izur il-morda moribondi u anke il-habsin. Alla zejnu bil-qawwa tal-mirakli u qajjem ghall-

hajja 'l fuq minn mitt tifel u tifla.

Meta jum wiehed marad it-tabib ordnalu biex jiekol xi ftit laham li huwa qatt ma kiel minhabba wieghda li kien ghamel li qatt ma jmiss laham b'halqu. Meta gabulu platt imhawwar sewwa bil-laham tat-tajr, huwa radd is-sinjal tas-salib u t-tajra taret mill-platt ghall-barra mit-tieqa. Dan gara fil-prezenza ta' hafna xiehda.

Sena qabel ma miet kewba kienet tidehr fuq l-artal lu fuqu kien iqaddes. Wara kienet tmiexxih lejn ic-cella jew terga tiehdu lura lejn l-artal. Ghalkemm kien bniedem ta' qdusija kbira kien ihossu indenn ta' premju tal-genna, premju hekk kbir. Dan il-hsieb kien ikiddu bil-bosta. Pero' jum wiehed Marija Ssma, sultana tal-qaddisin kollha, dehritlu u serrihtlu mohhu li hu migjbu wisq minn Binha u li hija hi l-protezzjoni tieghu.

Huwa miet fil-10 ta' Settembru tas-sena 1310 u gie midfun fil-kappella fejn kien iqaddes u jitlob. Il-Papa Ewgenju IV fis-sena 1446 ziedu mal-lista tal-qadddisin.